**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta’ Ottubru, 2017

Rikors Nru : 216/17 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta ta’ Lulju elfejn u ghaxra (03/07/2010) (Ara Dok ‘A’ anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Roberta Borg mit-tlettax ta’ April tas-sena elfejn u tnax (13/04/2012), (Ara Dok ‘B’ anness);

Illi l-partijiet ddekadew mid-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (Ara Dok 'B', klawsola numru hamsa (5)) u ghaldaqsant m'hemm ebda manteniment jew arretrati dovuti;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn hames (5) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2017;

Semghet lir-rikorrenti jikkonferma ir-rikors bil-gurament tieghu;

Semghet lill-intimata tiddikjara illi ma kellha l-ebda oggezzjoni li jintalqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' April 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.